*Intervista ma'*

# Ġużeppi Ghigo

***Kemm ilek midħla tal-każin?***
Jiena ilni midħla tal-każin sa mill-1935. Dik is-sena saret festa għad unur l-għeluq il-25 sena tar-Re Ġorġ V fuq it-tron ta' l-Ingilterra. Kienu saru festi kbar. Il-każin kien armat bil-bandalori mal-pilastri. Jiena qatt ma kont rajt dawk l-affarijiet. Allura ersaqt pass pass lejn il-każin, u l-impressjoni baqgħet f'moħħi. Ma dħaltx għax kont għadni żgħir, u ma sibtx ma min immur, imma naħseb, li dak kien l-ewwel pass.

***X'ħajrek tersaq lejn il-każin?***
Ma nistax ngħid eżatt x'ħajjarni nersaq lejn il-każin. Forsi għax iz-ziju Ġanni Ghigo kont narah imur il-Post tan-Nar. Kont noqgħod nissemma x'kienu jgħidu ħafna nies midħla tal-każin, u kien jogħġobni kliemhom.

***Kif tqabbel il-festa ta' dari mal-festa tal-lum?***
Ma hemmx paragun bejn il-festa tal-lum ma' dik ta' żmieni. Dari, biex issir xi ħaġa kienet iddum ħafna snin, għax ma kienx hawn il-flus li hawn illum. Pero' ma nistax ngħid li ma sarux opri kbar fl-Imqabba fosthom fuq il-vara, fil-knisja u kif ukoll fl-armar ta' barra. Ta' min isemmi, li l-armar kien kollu jsir bl-idejn, filwaqt li llum hawn il-magni, peress li t-teknolġija tjiebet.

***Liema l-aktar parti tal-festa li togħoġbok?***
Il-Festa togħġobni kollha. Pero' l-aktar parti hija t-transulazzjoni, kif kienet issir. Lejliet Santa Marija, tkun fuq bejt jew fl-għalqa tisma' dak l-isparar ma' Malta kollha. Fih gost !

***Meta nsemmu l-'Universal' u l-'Arloġġ', x'memorjun jġibulek?***
Jiena kont dilettant kbir tal-logħob tan-nar tal-art, u moħħi kien dejjem għaddej, naħseb kif nista' noħloq xi ħaġa ġdida, u li tkun l-ewwel ġo l-Imqabba, u kif ukoll forsi ġo Malta. Kien xogħol li jirrikjedi ħafna ħsieb. Tiġik farka ta' ideja, u tibda tibni dak li tkun ħsibt li tagħmel. Meta nħaraq il-*Universal*, ommi għaxqet taraha, u fl-arloġġ ħadet interess speċjali, tant li ħasset prestiġju kbir.



***Hemm xi festa li ma tinsa qatt?***
Il-Festa tal-1961 ma nista' ninsiha qatt. Wara snin ma nagħmlux festa, bejn l-1957 u l-1960, sar ftehim mal-Knisja u l-Kappillan, u b'hekk erġajna ħadna sehem fl-1961, ċioe' li l-vara devota ta' Santa Marija, tintrefa' minn nies prominenti mis-soċjetà tagħna. Festa oħra speċjali kienet meta fl-1974, il-vara bdiet tiġi merfugħha mill-fratelli bil-muzetta ħamra.

***X'kien li ħajrek tidħol fil-Kumitat, u li tkun President?***
Il-ġibda għall-każin u għall-festa kienu il-kaġun li jien tajt ruħi u saħħti għal dak l-iskop. Kienu n-nies li ħatruni Segretarju, u President, għax fija kienu jaraw bniedem ħabrieki, onest, u patrijott kbir lejn il-każin.

***Liema huma l-isbaħ memorji li għandek ta' ħutek?***
Aħna konna tlett aħwa:- Jien, Kola u Karmnu. Dejjem kellna imħabba bejnietna, u dejjem tajna pariri lil xulxin. L-isbaħ memorja hi ta' ħija Dun Karm, meta qaddes l-ewwel quddiesa. Din kienet grazzja kbira għalina, speċjalment għal ommi.

***X'messaġġ tagħti liż-żgħażagħ?***
Illum jiena ngħodd ruħi max-xjuħ. Għalhekk ma ħafna affarijiet li jifirħu bihom iż-żgħażagħ ma naqbilx. B'daqshekk, jiena jimpurtani miż-żgħażagħ għax huma jridu jkunu l-mexxejja tal-futur, kemm fil-każin u kif ukoll fil-festa. Jiswa għalihom li dejjem jimxu 'l quddiem, fi triq dritta u lixxa. Faċli għalihom li jiżbaljaw, għalhekk iridu joqogħdu attenti ħafna għax hawn ħafna affarijiet u vizzji li huma ta' dannu għalihom.